Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Numru 1125/1998/1

**Socjetà Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Geoffrey Schembri sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs.**

**Alfred Grech**

Il-Qorti:

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi fit-8 ta’ April 1996 f’Salina Bay, Salina, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru U-0048(M) habat mal-karozza numru D-1712(M) misjuqa minn u proprjetà tal-assikurat Geoffrey Schembri u assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjetà attrici;  li dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;  li in vista tal-imsemmija polza is-socjetà attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b’konsegwenza tal-istess incident;  li d-danni kollha sofferti mis-socjetà attrici b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal tliet elef u tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm3033.92,0) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;  u li l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqa’ inadempjenti; talbet ghaliex:  1.  il-konvenut  m’ghandux jigi dikjarat minn dik il-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjetà attrici;  2.  m’ghandhiex dik il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ Lm3033.92,0 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dik il-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;  3. konsegwentement m’ghandux il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjetà attrici in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat;  bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Novembru, 1997 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjetà assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, konfermata bil-gurament minn Mark Asciak, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1.  Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in

kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Geoffrey Schembri, assikurat tas-socjetà attrici, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-dsatax (19) ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kovenut, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi tat-8 ta' April 1996 f'Salina Bay, Salina, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjetà attrici;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tlett elef lira, u tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm3,033.92c);

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici in linea ta' danni l-ammont ta' tlett elef lira, u tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm3,033.92c) hekk likwidat;
Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-20 ta' Ottubru 1998 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 1997 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra s-socjetà assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut",
u dana wara illi kkunsidrat hekk:

**"KONSIDERAZZJONIJIET**
"Illi din hija kawza tikkoncerna kollizjoni li grat fit-8 ta' April 1996 f'Salina Bay, Salina bejn vettura Reg. No. U - 0048 (M) misjuqa mill-konvenut, u il-karozza Reg. No. D - 1712

(M) misjuqa minn Geoffrey Schembri assigurat tas-socjetà attrici.

“Illi ma hemmx dubju, u dan peress li rrizulta mill-provi, li dwaru jaqblu l-partijiet, li l-karozzi nvoluti fl-istess incident kienu gejjin mid-direzzjoni opposta ta’ xulxin fl-istess triq, tant li fil-fatt il-karozza tal-assigurat tal-attur kienet sejra lejn id-direzzjoni ta’ Bugibba, filwaqt li l-karozza misjuqa mill-konvenut kienet gejja mid-direzzjoni ta’ Bugibba sejra lejn St. Andrews.

“Illi mill-iskizz esibit maghmul mis-Surgent P.S. 226 Paul Bonanno, li investiga l-incident, jirrizulta li l-vettura D - 1712 baqghet fuq in-naha taghha tat-triq, ghalkemm inqalbet, mentri il-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u spiccat kif indikat fl-istess skizz.

“(I) PROVI DWAR IR-RESPONSABILITÀ TAL-INCIDENT STRADALI

“Illi mix-xhieda tal-istess P.S. 226 Paul Bonanno, dan ikkonferma l-istess skizz li huwa zamm id-dar ghaliex l-okkorrenza ma sabiex l-ufficju. Xehed li l-incident sar f’Salina Road, ezatt fejn hemm it-triq taghti ghal-*land fill* tal-Maghtab fis-1.00 a.m., bejn karozza D - 1712 sejra lejn id-direzzjoni ta’ Bugibba, u l-karozza U - 0048 sejra lejn id-direzzjoni ta’ St. Andrews, u illi l-karozza Reg. No. D - 1712 spiccat maqluba, u li n-naha tas-silencer spicca kwazi mal-hajt xi 57.5 il-metru il-boghod mill-karozza tal-konvenut. Sostna wkoll li l-vettura misjuqa minn Geoffrey Schembri kellha brake marks ta’ 12.60 il-metru, mentri l-konvenut kellhu 7.5 brake.

“Illi f’R.A.R. report li huwa redatt mill-istess xhud, sostna illi ‘*Vehicle No. D - 1712 was proceeding through Salina Road towards Bugibba. On reaching the curve he noticed vehicle number U -0048 being driven from the opposite direction heading straight on. The car in front swerved and avoided the impact, but as he was about to do the same, the impact occurred. On the other hand the driver of U - 0048 as he was proceeding towards St.*

*Andrews, D - 1712 came from the opposite direction, in a straight direction when the collision occurred*.' Parti mill-istess R.A.R. ma setghetx tinqara lanqas mix-xhud innifsu. Illi skond l-istess xhud il-karozza l-maqluba D - 1712 dejjem baqghet fuq is-side taghha, u l-karozza l-ohra spiccat ukoll fuq l-istess naha, u dan qed isostnih minn dak li ra fl-iskizz.

“Illi Geoffrey Schembri xehed fid-9 ta’ Dicembru 1999 li flimkien ma martu kien ghaddej mill-Coast Road, Bahar ic-Caghaq isuq il-karozza Skoda D - 1712 u kif qabez l-*Splash and Fun*, u gew ghall-liwja, ra dawl ta’ karozza bajda gej ghall-fuqhom, hass daqqa mal-genb tal-karozza tieghu, w inqalbu bil-karozza, li spiccat rasa l-isfel, filwaqt li l-karozza l-ohra spiccat fuq l-istess naha tat-triq kif indikat fl-iskizz. Illi sostna li kif ra l-karozza l-ohra gejja ghall fuqhu huwa applika l-brake u kiser naqra il-gewwa, u ghalhekk id-daqqa hadha fuq il-genb tieghu. Illi l-karozza kienet *total loss* u huwa thallas l-ammont ta’ Lm1231.15, u l-ammont l-iehor thallas fuq il-karozza gdida li hareg l-istess assigurat, flok dik li sofriet l-incident, u b’kollox ghalhekk thallas l-ammont ta’ Lm3,033.92.

“Illi huwa kompla jghid li kien ghaddej b’xi 45 k.m. f. s. u kien naqqas l-ispeed peress li kien gej ghall-liwja. Kien mar Henry J. Beans jiekol, ma kienx xorob u kien ser jirritorna id-dar minn San Giljan lejn San Pawl. Huwa sostna li huwa kien fil-liwja, u l-iehor li kien gej ghad-dritt, baqa’ hekk dritt, u ghalhekk saret il-habta.

“Illi Marlene Schembri li kienet passigiera mal-assikurat tas-socjetà attrici fix-xhieda taghha tad-9 ta’ Dicembru 1999 sostniet illi kif kienu sejrin lura d-dar fil-Coast Road dejjem fuq in-naha taghhom tat-triq, u gew f’dawra, hija rat dawl qawwi u habtu billi qalghu daqqa fuq in-naha tal-lemin, u il-karozza inqalbet. Illi quddiemhom kien hemm karozza ohra misjuqa mill-kugina tar-ragel, u kienu l-hin kollu isegwuha.

“Illi l-konvenut Alfred Grech fl-affidavit tieghu sostna illi mieghu kellu lill-Emerziana Grixti li kienet rieqda fuq quddiem u lill John Caruana li kien bil-qeghda warajh, hu

gej minn Bugibba, wara li kellhu festin tal-hbieb, però, ma xorobx ghaliex ibati b'qalbu. Kien miexi fuq il-*lane* tieghu b'xi 35/40 m.f.s. u kif kien ghaddej ghad-dritt, lest biex jaqbad il-liwja, meta f'hin minnhom jara karozza gejja b'velocità kbira mill-faccata ghall-fuqhu, tant li din il-karozza hija u ddur dahlet kompletament fil-karreggiata tieghu, u ghalkemm gibed lejn ix-xellug tieghu, (nonostante li kien zewgt (2) piedi il-boghod mill-linja medjana tat-triq), xorta sar l-impatt. L-impatt sar fuq ir-rota tal-lemin, però kellhu jdawwar f'daqqa biex jevita ic-cint, u tant kienet kbira id-daqqa li dawritlu l-*axle* tar-rota, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, mexa xi ghoxrin (20) pied, u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Is-sewwieq l-iehor tant kien ghaddej b'velocità li l-karozza tieghu telghet fuq il-karozza tal-istess konvenut, u l-iehor inqaleb u dam jitkaxkar xi sittin (60) metru. Illi waqt il-kontro-ezami sostna li spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq peress li qala' daqqa fuq ir-rota tal-lemin, u d-daqqa fuq il-karozza l-ohra kienet fuq ix-xellug.

"Illi x-xhud l-iehor Alfred Grech [*recte*: John Caruana] fl-affidavit tieghu tal-11 ta' Mejju 2000, sostna illi huwa kien riekeb fil-kaxxa ta' wara tal-van tal-konvenut però ra kollox, tant li kif wasslu ghall-liwja, jara zewg headlamps gejjin dritt ghall-fuqhom, fil-karregiata taghhom stess, u bilfors kien hekk ghaliex huma qatt ma qabzu l-*cats' eyes* fuq il-linja tan-nofs. Illi ra lill iehor jidhol f'postu wara li dar il-liwja, u l-konvenut gibed lejn ix-xellug, però f'daqqa wahda ra genb tal-istess karozza l-ohra gejja ghall-fuqhu u qalghu id-daqqa. Mad-daqqa il-karozza daret, u l-konvenut kiser f'daqqa biex jevita ic-cint u spiccaw fuq in-naha l-ohra tat-triq.

<u>"(II) EZAMI TAL-PROVI PRODOTTI</u>

"Illi dwar il-kollizjoni jinghad li sabiex wiehed jiddeciedi dwar ir-responsabilità tal-istess f'kull sinistru ghandha tinstab il-kawza prossima tal-istess incident, u cioè dak il-fatt li ta lok ghas-sinistru.

"Illi jidher car li f'din il-kawza henn zewg versjonijiet differenti ghall-xulxin, fejn kull wiehed mill-partijiet jaghti l-

htija lill-iehor tal-istess incident. Illi ovvjament f'tali cirkostanzi, huwa ovvju li wiehed mis-sewwieqa nvoluti fl-istess incident ma huwiex qed jghid il-verità, u fil-kuntest ta' din il-kawza, meta wiehed jikkonsidra li z-zewg karozzi kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, din il-vertenza tirrizolvi ruhha biex jigi stabbilit fejn kien l-*ispot of impact*.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li x-xhieda tas-Surgent Paul Bonanno li investiga l-istess incident, ma tantx tghin f'dan ir-rigward, stante li lanqas biss sab l-okkorrenza, u xehed biss fuq R.A.R. report, li l-kopja tieghu hija ftit decifrabbli, u l-iskizz imhejji minnu, li zamm id-dar tieghu, w mkien ma hemm indikat il-punt fejn sar l-impatt bejn iz-zewg karozzi.

"Illi huwa ovvju wkoll li f'din il-kawza, l-punt krucjali huwa jekk wahda mill-karozzi fil-mument tal-impatt, qabzitx il-karregiata taghha, ghaliex ma hemm ebda dubju li dik il-karozza li harget mill-*lane* taghha fil-mument tal-impatt, hija dik il-karozza li s-sewwieq taghha, huwa responsabbli ghall-istess incident.

"Illi huwa wkoll *ormai* stabilit fil-gurisprudenza taghna, li sabiex tasal ghal dan l-ezami, wiehed irid jikkonsidra x-xhieda moghtija mill-partijiet, u l-allegati versjonijiet taghhom jistghu jigu sopportati minn xhieda ohra li kienu presenti waqt l-istess incident, u jikkorroboraw l-istess, u wkoll il-gudikant ghandu jiehu in konsiderazzjoni, jekk versjoni jew ohra hijiex verosimili, ghaliex f'dawn it-tip ta' kazi, ta' konflitt dirett fix-xhieda tal-partijiet, jista' jinghad, u hekk kemm il-darba gie ritenut, li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korraborazzjoni.

"Illi tenut kont tal-fatt, mhux kontestat bejn il-partijiet, li z-zewg vetturi spiccaw wara l-incident fuq in-naha tat-triq minn fejn kien ghaddej l-assigurat tal-attur, cioè ghal dik il-parti tat-triq li taghti ghan-naha ta' Bugibba, u wkoll li z-zewg karozzi hallew *brake marks* fuq l-istess naha tat-triq, kif ikkonferma l-uniku xhud indipendenti, is-Surgent Paul Bonanno, jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex wahda kredibbli u ma ghandhiex tigi accettata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Illi fl-ewwel lok l-istess versjoni ma taghtix spjegazzjoni, ghaliex il-*brake marks* wara l-karozza tieghu kif waqfet, jinsabu biss fuq in-naha opposta tat-triq minn fejn kien ghaddej huwa.

(b) Illi l-versjoni tal-istess konvenut ma taghmilx sens meta soggetta ghall-ezami ta' dak li huwa verosimili. Illi fil-fatt huwa sostna li ra lill-karozza l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta b'velocità kbira, u hija u ddur il-liwja, dahlet <u>kompletament</u> *wrong side* meta l-istess konvenut sostna li kien huwa ghall-menu zewg piedi il-boghod mill-linja medjana tat-triq, u huwa gibed lejn ix-xellug. Illi din il-versjoni ma treggiex stante, li kieku kien veru dan, ma jistax iwassal ghar-rizultat uniku li d-daqqa kienet tkun *head on*, u mhux kif spjega l-istess konvenut fuq in-naha tal-lemin tieghu.

(c) Illi apparti dan huwa difficli hafna fil-versjoni tal-konvenut, biex wiehed jispjega, kif la darba huwa kisser lejn ix-xellug tieghu, il-karozza tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq; huwa pprova jispjega dan billi qal li tilef il-kontroll tal-vettura bl-impatt, u meta ra li diehel mac-cint tax-xellug ipprova jdawwar il-karozza, izda tilef il-kontroll u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Illi però din il-versjoni lanqas biss taqbel ma dak tax-xhud John Caruana, li sostna li kien l-istess konvenut li dawwar fuq in-naha l-ohra tat-triq, meta ra li kien ser jahbat mac-cint. Xorta f'tali versjoni hija difficli hafna biex timmagina, kif karozza gejja dritt ghall-fuqek, bl-impatt, mhux timbuttak izjed fuq in-naha tieghek tat-triq, izda addiritttura tiehdok in-naha l-ohra tat-triq.

(d) Illi din il-versjoni lanqas tispjega kif il-brake marks taz-zewg vetturi jinsabu biss fuq in-naha tat-triq ghad-direzzjoni ta' Bugibba, meta suppost skond il-konvenut l-incident sar fuq in-naha opposta tat-triq, ghaliex skond huwa l-karozza l-ohra kienet kompletament fuq il-karregiata tieghu.

(e) Illi tali versjoni tal-konvenut hija wkoll inverosimilii, ghaliex la darba, skond huwa, is-sewwieq l-iehor kien kompletament *wrong side* u gej bi speed, mela l-

konsegwenza naturali tal-istess impatt kienet tkun, li l-istess karozzi, jew almenu dik tal-assigurat tal-attur, tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, u mhux kif indikat fl-iskizz.

(f) Illi di più l-versjoni tal-konvenut lanqas taqbel ma dik ta’ John Caruana, ghaliex waqt li l-konvenut sostna li l-karozza tal-konvenut [*recte*: ta’ Geoffrey Schembri] giet dritt ghall fuqu, l-istess John Caruana sostna li s-sewwieq l-iehor, peress li skond huwa [p]prova jidhol fil-lane tieghu, laqat il-karozza tal-konvenut bil-genb.

“Illi apparti dan mill-kumpless tal-provi jirrizulta ppruvat li [l-]konvenut waqt li kien sejjer mid-direzzjoni ta’ Bugibba lejn il-Belt, kif gie sabiex jidhol fil-liwja in kwistjoni, ma kisirx l-*isteering* fuq ix-xellug tieghu, izda baqa’ miexi ghad-dritt b’mod li dahal fil-kareggiata tal-assigurat tal-attur, li meta ra hekk, ipprova jikser lejn ix-xellug tieghu, (biex jevita l-istess) u l-impatt sar bejn il-lemin ta’ quddiem tal-karozza tal-konvenut, u fuq il-genb lemini tal-karozza tal-assigurat tal-attur, b’mod li din l-ahhar karozza inqalbet, bl-impatt tal-karozza tal-konvenut. Illi fil-fatt jidher car, li bil-van li kien qed isuq il-konvenut, huwa ma hasibx minn qabel ma nnegozja l-istess liwja li jiehu l-prekawzjoni necessarja sabiex izomm fuq in-naha tieghu, u jzomm fuq ix-xellug tat-triq (mid-direzzjoni tieghu) b’mod li baqa’ miexi ghad-dritt u spicca fuq in-naha opposta tat-triq, bil-konsegwenzi kollha ta’ dan l-incident.

“Illi jinghad fl-ahharnett li la darba l-karozza tal-konvenut, *ex admissis* spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq, bil-*brake marks* taghha, wkoll fuq l-istess naha, kien oneru tieghu, li jipprova ghaliex spicca dik in-naha, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, li semghet ukoll il-kontro-ezami tieghu, dan assolutament ma ghamlux. Anzi l-versjoni tieghu hija ghal kollox inattendibbli, kif fuq dettaljatament spjegat, apparti l-konsiderazzzjoni l-ohra kollha sottolineati fin-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjetà attrici.

“Illi min-naha l-ohra l-versjoni tal-assigurat tal-attur, u cioè li huwa kien ghaddej fuq in-naha tieghu, isegwi karozza ohra li kienet wkoll sejra fl-istess direzzjoni, meta ra lill-

konvenut gej dritt ghall-fuqu, u huwa pprova jiskapulah billi dawwar il-karozza fuq in-naha tax-xellug tieghu, izda ma rnexxilhux, bil-konsegwenza li ha d-daqqa fuq il-genb tieghu, u il-karozza inqalbet, tikkonbaccja sew ma kif spiccaw il-karozzi wara l-incident.

“Illi ghalhekk a bazi tal-premess din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* minhabba tradkuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

**<u>“III. LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI</u>**

“Illi dwar l-ammont ta’ danni dawn allegatament jammontaw ghal tlett elef, u tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm3,033.92) li ma jidhirx li gew ikkontestati mill-istess konvenut.

“Illi dwar dawn id-danni xehed Natalino Agius, *surveyor* tas-socjetà attrici, li sostna li huwa ra il-karozza u ghamel *survey* esibit minnu bhala Dok. N.A. a fol. 28 tal-process, minn fejn jirrizulta li l-karozza kienet *total loss* ghaliex ma kienx ekonokimaent viabbli li ssewiha minhabba l-ispejjez kbar li kellha, meta wiehed jikkonsidra li kienet ukoll karozza gdida, u kienet ilha biss ftit xhur barra.

“Illi fil-fatt l-ammonti mhallsa konsegwenza tad-danni sofferti fl-istess vettura kienu jikkonsistu:-

Lm2,991.49 imhallsa bhala pagamenti dovuti lill-Frank Borda Limited li l-assigurat tal-attur kien ghadu ma hallasx fid-data tal-incident.

Lm1,231.51 Imhallsa lill-assigurat tal-attur.
Lm1,200.00 Imnaqqsa ir-*wreck value* tal-istess karozza.
Lm 3.45 Road Accident Report u Skizz.
Lm 7.47 *Survey Report*.

**Lm3,033.92 TOTAL.**

“Illi tali danni jirrizultaw ippruvati mid-dokumenti kollha esebiti inkluzi s-survey report, li juri li l-karozza tal-assigurat tas-socjetà attrici kienet ‘*beyond economical repair*’, kollox kif jidher spjegat mir-rendikont a fol. 25 tal-process u d-dokumenti hemm esebiti minn Mark Axiaq fis-seduta quddiem l-Assistant Giudizzjarju tat-22 ta’ Marzu 1999.

“Illi ghalhekk l-istess Qorti qed tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta’ tlett elef, u tlieta u tlettin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm3,033.92).”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhassra u revokata s-sentenza appellata u illi jigu michuda u respinti t-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici appellata;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tas-socjetà attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi jigi michud l-appell u illi tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjes kontra l-konvenut appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi meta wiehed jara kemm huwa twil ir-rikors ta’ appell tal-konvenut wiehed jista’ jiehu l-impressjoni illi l-istess konvenut ghandu hafna aggravji kontra s-sentenza appellata. Fir-realtà, però, ir-rikors ta’ appell jikkontjeni aggravju wiehed, dak illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Fil-paragrafu enumerat disgha (9) tar-rikors ta’ appell - illi, ghall-kompletezza, huwa tajjeb illi jinghad illi ma fihx konkluzjoni - il-konvenut stess jirrikonoxxi illi dan huwa l-uniku aggravju tieghu kontra s-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi Qorti tat-tieni grad, hlief ghal ragunijiet serji, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi illi taghmel Qorti ta' l-ewwel grad. Fil-kaz in ezami, dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti, taqbel b'mod generali ma' l-apprezzament taghhom maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi wassalha ghas-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzjoni rigward ir-responsabilità ghall-incident stradali in kwistjoni:
"Illi … mill-kumpless tal-provi jirrizulta ppruvat li [l-]konvenut waqt li kien sejjer mid-direzzjoni ta' Bugibba lejn il-Belt, ma kisirx l-*isteering* fuq ix-xellug tieghu, izda baqa' miexi ghad-dritt b'mod li dahal fil-karreggiata tal-assigurat tal-attur, li meta ra hekk, ipprova jikser lejn ix-xellug tieghu, … u l-impatt sar bejn il-lemin ta' quddiem tal-karozza tal-konvenut, u fuq il-gemb lemini tal-karozza tal-assigurat tal-attur, b'mod illi din l-ahhar karozza inqalbet, bl-impatt tal-karozza tal-konvenut. Illi fil-fatt jidher car, li bil-van li kien qed isuq il-konvenut, huwa ma hasibx minn qabel ma nnegozja l-istess liwja li jiehu l-prekawzjoni necessarja sabiex izomm fuq ix-xellug tat-triq … b'mod illi baqa' miexi ghad-dritt u spicca fuq in-naha opposta tat-triq, bil-konsegwenzi kollha ta' dan l-incident.

"Illi jinghad … li la darba l-karozza tal-konvenut, *ex admissis* spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq, bil-*brake marks* taghha, wkoll fuq l-istess naha, <u>kien oneru tieghu, li jipprova ghaliex spicca dik in-naha, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti</u>, li semghet ukoll il-kontro-ezami tieghu, <u>dan assolutament ma ghamlux</u>. …

"Illi min-naha l-ohra l-versjoni tal-assigurat tal-attur, u cioè li huwa kien ghaddej fuq in-naha tieghu, isegwi karozza ohra li kienet wkoll sejra fl-istess direzzjoni, meta ra lill-konvenutr gej dritt ghall-fuqu, u huwa ipprova jiskapulah billi dawwar il-karozza fuq in-naha tax-xellug tieghu, izda ma rnexxilux, bil-konsegwenza li ha d-daqqa fuq il-genb tieghu, u il-karozza inqalbet, tikkonbaccja sew ma kif spiccaw il-karozzi wara l-incident.

"Illi ghalhekk … din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti, ghall-precizjoni, ma tistax ma tirrimarkax illi hija ma sabitx dawk id-diskrepanzi bejn il-verzjonijiet ta' kif avvera ruhu l-incident in kwistjoni rizultanti mix-xhieda moghtija mill-konvenut u mix-xhud minnu prodott, John Caruana. Dina l-Qorti, però, hija tal-fehma illi l-verzjoni ta' l-akkadut kif temergi mid-depozizzjoni ta' l-imsemmi John Caruana mhix kredibbli ghaliex mhux verosimili illi dan ix-xhud illi, kif jghid il-konvenut, fil-hin ta' l-incident kien bilqeghda wara l-istess konvenut fil-kaxxa ta' *van* maghluq, b'darhu jmiss mal-genb ta' l-istess *van,* bil-lejl, seta' jsegwi d-dinamika ta' l-incident. Ghalhekk, dak illi intqal fil-bidu ta' dan il-paragrafu ma ghandu ebda effett negattiv fuq il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti dwar ir-responsabilità ghall-incident *de quo*, konkluzjoni illi dina l-Qorti tikkondividi pjenament;

Illi, konsegwentement, l-aggravju in ezami tal-konvenut, mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------